



---

*Kumitat għall-Baġits*

---

**2023/2221(BUI)**

18.3.2024

# **EMENDI**

## **1 - 54**

**Abbozz ta' rapport**  
**Anna-Michelle Asimakopoulou**  
(PE759.633v03-00)

Estimi tad-dħul u tan-nefqa għas-sena finanzjarja 2025 - Taqsima I - Il-Parlament Ewropew  
((2023/2221(BUI))



**Emenda 1**  
**Nils Ušakovs, Eider Gardiazabal Rubial**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa C**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

C. billi l-kredibbiltà tal-Parlament tiddependi mill-kapaċità tiegħu li **jiffoka fuq** il-ħidma ewlenija baġitarja, leġiżlattiva u ta' skrutinju tiegħu sal-ogħla standard, filwaqt li jservi ta' eżempju fil-konfront ta' istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni biex jippjanaw u jwettqu l-infiq tagħhom b'mod prudenti u effiċjenti u biex jirriflettu r-realtajiet ekonomiċi prevalenti;

*Emenda*

C. billi l-kredibbiltà tal-Parlament tiddependi mill-kapaċità tiegħu li **jwettaq** il-ħidma ewlenija baġitarja, leġiżlattiva u ta' skrutinju tiegħu sal-ogħla standard, filwaqt li jservi ta' eżempju fil-konfront ta' istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni biex jippjanaw u jwettqu l-infiq tagħhom b'mod prudenti u effiċjenti u biex jirriflettu r-realtajiet ekonomiċi prevalenti;

Or. en

**Emenda 2**  
**Nils Ušakovs, Eider Gardiazabal Rubial**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 1**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

1. **Huwa konxju mir-restrizzjonijiet** tal-Intestatura 7 fil-QFP attwali; ifakkar li dawn ir-restrizzjonijiet huma r-riżultati tat-tnaqqis applikat mill-Kunsill għall-proposta inizjali diġà baxxa ħafna tal-Kummissjoni waqt il-qbil dwar il-QFP 2021-2027 attwali; jiddispjaċih dwar l-oppożizzjoni tal-Kunsill għall-proposta tal-Kummissjoni li jiżdied il-limitu massimu tal-Intestatura 7 fir-reviżjoni tal-QFP mill-2024; jindika n-nuqqas li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-limitu massimu tal-Intestatura 7 fir-reviżjoni tal-QFP; jenfasizza li l-marġni negattiv previst għall-2025 jippresupponi l-użu ta' strumenti speċjali fl-Intestatura 7 għal dak l-għan;

*Emenda*

1. **Jinsab imħasseb dwar is-sitwazzjoni** tal-Intestatura 7 fil-QFP attwali; ifakkar li dawn ir-restrizzjonijiet huma r-riżultati tat-tnaqqis applikat mill-Kunsill għall-proposta inizjali diġà baxxa ħafna tal-Kummissjoni waqt il-qbil dwar il-QFP 2021-2027 attwali; jiddispjaċih dwar l-oppożizzjoni tal-Kunsill għall-proposta tal-Kummissjoni li jiżdied il-limitu massimu tal-Intestatura 7 fir-reviżjoni tal-QFP mill-2024; jindika n-nuqqas li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-limitu massimu tal-Intestatura 7 fir-reviżjoni tal-QFP; jenfasizza li l-marġni negattiv previst għall-2025 jippresupponi l-użu ta' strumenti speċjali fl-Intestatura 7 għal dak l-għan;

Or. en

### Emenda 3

Joachim Kuhs, Eric Minardi, Valentino Grant

#### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

##### Paragrafu 1a (ġdid)

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**1a. Ifakkar li, fil-każ tal-Parlament Ewropew, huwa dejjem possibbli li jsiru l-ekonomiji billi jiġi rivedut il-pakkett estensiv tad-DĠ COMM, li se jammonta għal EUR 133,8 miljun fl-2025;**

Or. en

### Emenda 4

Valentino Grant, Joachim Kuhs, Eric Minardi

#### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

##### Paragrafu 2

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

2. **Ifakkar** li kważi żewġ terzi tal-baġit huwa ffissat minn obbligi statutorji; **ifakkar** li l-previżjonijiet attwali dwar l-indiċjar tas-salarji mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal u l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew, għal Lulju 2024, April 2025 u Lulju 2025 jammontaw għal 5,3 %, 0,6 % u 3,7 % rispettivament; jinnota li l-baġit tal-2024 jinkludi indiċjar tas-salarji ta' 3,4 % minn Lulju 2024;

2. **Jinnota** li kważi żewġ terzi tal-baġit huwa ffissat minn obbligi statutorji; **jinnota** li l-previżjonijiet attwali dwar l-indiċjar tas-salarji mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal u l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew, għal Lulju 2024, April 2025 u Lulju 2025 jammontaw għal 5,3 %, 0,6 % u 3,7 % rispettivament; jinnota li l-baġit tal-2024 jinkludi indiċjar tas-salarji ta' 3,4 % minn Lulju 2024; **jinnota li l-proposta tas-Segretarju Ġenerali tistabbilixxi l-ammont tal-abbozz tal-estimi preliminari għal EUR 2 507 233 329, li jikkorrispondi għal żieda ta' 5,21 % fuq il-baġit tal-Parlament għall-2024; jiddeplora l-fatt li l-baġit tal-Parlament żdied b'mod kostanti sena wara sena matul l-aħħar leġiżlaturi parlamentari; jitlob, għalhekk, li l-Parlament jistabbilixxi bħala l-objettiv ewlieni għall-baġit tiegħu stess li jrażżan**

*kemm jista' jkun il-kostijiet tiegħu stess u jfittex iffrankar sinifikanti, sabiex jibgħat messaġġ ta' solidarjetà liċ-ċittadini tal-UE;*

Or. en

## **Emenda 5**

**Fabienne Keller, Olivier Chastel**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

#### **Paragrafu 2**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

2. Ifakkar li kważi żewġ terzi tal-baġit huwa ffissat minn obbligi statutorji; ifakkar li l-previżjonijiet attwali dwar l-indiċjar tas-salarji mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal u l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew, għal Lulju 2024, April 2025 u Lulju 2025 jammontaw għal 5,3 %, 0,6 % u 3,7 % rispettivament; jinnotta li l-baġit tal-2024 jinkludi indiċjar tas-salarji ta' 3,4 % minn Lulju 2024;

##### *Emenda*

2. Ifakkar li kważi żewġ terzi tal-baġit huwa ffissat minn obbligi statutorji; ifakkar li l-previżjonijiet attwali dwar l-indiċjar tas-salarji mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal u l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew, għal Lulju 2024, April 2025 u Lulju 2025 jammontaw għal 5,3 %, 0,6 % u 3,7 % rispettivament; jinnotta li l-baġit tal-2024 jinkludi indiċjar tas-salarji ta' 3,4 % minn Lulju 2024; ***jinnotta li l-Kumitat għall-Baġits se jimmonitorja l-evoluzzjoni uffiċjali mbassra tal-indiċjar tas-salarji; jistieden lill-Kummissjoni tiftaħ diskussjoni mal-awtorità baġitarja biex tiddiskuti reviżjoni possibbli tal-indiċjar tas-salarji;***

Or. en

## **Emenda 6**

**Francisco Guerreiro**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

#### **Paragrafu 2**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

2. Ifakkar li kważi żewġ terzi tal-baġit huwa ffissat minn obbligi statutorji; ifakkar

##### *Emenda*

2. Ifakkar li kważi żewġ terzi tal-baġit huwa ffissat minn obbligi statutorji; ifakkar

li l-previżjonijiet attwali dwar l-indiċjar tas-salarji mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal u l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew, għal Lulju 2024, April 2025 u Lulju 2025 jammontaw għal 5,3 %, 0,6 % u 3,7 % rispettivament; jinnota li l-baġit tal-2024 jinkludi indiċjar tas-salarji ta' 3,4 % minn Lulju 2024;

li l-previżjonijiet attwali dwar l-indiċjar tas-salarji mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal u l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew, għal Lulju 2024, April 2025 u Lulju 2025 jammontaw għal 5,3 %, 0,6 % u 3,7 % rispettivament; jinnota li l-baġit tal-2024 jinkludi indiċjar tas-salarji ta' 3,4 % minn Lulju 2024; ***huwa tal-fehma li ż-żieda ġenerali għandha tkun konformi mal-livell medju tal-inflazzjoni fit-tliet postijiet tax-xogħol;***

Or. en

## Emenda 7

Fabienne Keller, Olivier Chastel

### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

#### Paragrafu 3

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

3. Jinnota li miż-żieda ta' EUR 124 miljun meta mqabbla mal-baġit tal-2024 żieda ta' EUR 98 miljun hija dovuta għal obbligi statutorji, prinċipalment għall-indiċjar tas-salarji tal-persunal (EUR 54,7 miljun) u assistenza parlamentari marbuta man-nefqa (EUR 33,2 miljun); ***jinnota*** li ż-żieda għall-ispejjeż mhux ***statutorji hija ta' EUR 26 miljun, li tirrappreżenta żieda ta' 2,87 %*** meta mqabbla mal-2024;

##### *Emenda*

3. Jinnota li miż-żieda ta' EUR 124 miljun meta mqabbla mal-baġit tal-2024 żieda ta' EUR 98 miljun hija dovuta għal obbligi statutorji, prinċipalment għall-indiċjar tas-salarji tal-persunal (EUR 54,7 miljun) u assistenza parlamentari marbuta man-nefqa (EUR 33,2 miljun); ***iqis*** li ż-żieda għall-ispejjeż mhux ***obbligatorji ma għandhiex taqbeż dik ta' 2 %*** meta mqabbla mal-2024;

Or. en

## Emenda 8

Fabienne Keller, Olivier Chastel

### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

#### Paragrafu 4

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

4. Jinnota li l-Parlament ***ma*** jitlob l-

##### *Emenda*

4. Jinnota li l-Parlament ***mhuwa qed***

ebda *kariga* addizzjonali għall-2025;

jitlob l-ebda *pożizzjoni* addizzjonali għall-2025; *jistieden lill-Parlament ikompli jwettaq valutazzjonijiet regolari tal-organizzazzjoni tal-ħtiġijiet tal-persunal tiegħu, jalloka mill-ġdid il-pożizzjonijiet bejn id-direttorati f'konformità mal-prijoritajiet li qed jevolvu sabiex jinżammu kemm jista' jkun livelli kostanti ta' persunal;*

Or. en

### **Emenda 9**

**Younous Omarjee**

f'isem il-Grupp The Left

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 5a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*5a. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali jivvaluta r-riskji relatati mal-għadd dejjem jikber ta' aġenti kuntrattwali li qed jiġu impjegati, inkluż il-periklu li tinħoloq struttura tal-persunal b'żewġ livelli fi ħdan il-Parlament; jinsisti li l-pożizzjonijiet u l-kompiti permanenti ewlenin għandhom jitwettqu minn persunal permanenti;*

Or. en

### **Emenda 10**

**Younous Omarjee**

f'isem il-Grupp The Left

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 5b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*5b. Jenfasizza li s-sottokuntrattar tas-servizzi tat-tindif u tal-catering ipoġġi lin-nies, prinċipalment lin-nisa, f'pożizzjoni estremament vulnerabbli; jitlob mill-iktar*

*fis possibbli l-internalizzazzjoni gradwali tal-persunal tat-tindif u tal-catering;*

Or. en

**Emenda 11**

**Younous Omarjee**

f' isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 5c (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*5c. Itenni t-talba tiegħu li l-istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew jiġi emendat sabiex jiġu adottati l-miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata s-sostituzzjoni temporanja tal-Membri tal-Parlament Ewropew li jkunu fuq liv tal-maternità, tal-paternità u tal-mard fit-tul; sakemm issir din il-bidla, jitlob lill-Bureau jikkunsidra soluzzjoni teknika li tippermetti lill-Membri jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw meta jibbenefikaw minn liv tal-maternità, tal-paternità jew tal-mard fit-tul;*

Or. en

**Emenda 12**

**Younous Omarjee**

f' isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 5d (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*5d. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali janalizza l-fattibbiltà tal-introduzzjoni tal-interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali internazzjonali għad-dibattiti plenarji kollha, f'konformità mat-talbiet adottati mill-Plenarja, u jimplimenta din id-deċiżjoni fir-rigward tal-prinċipju ta'*



**Emenda 13**  
**Fabienne Keller, Olivier Chastel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 6**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

6. Ifakkar li l-gruppi ta' viżitaturi jirrappreżentaw għodda importanti għall-Membri biex joħolqu rabta mal-kostitwenti u biex juru l-ħidma parlamentari tagħhom lill-kostitwenti; jenfasizza li l-gruppi ta' viżitaturi jikkontribwixxu għall-promozzjoni tar-rwol tal-Parlament lill-votanti fl-Unjoni kollha;

*Emenda*

6. Ifakkar li l-gruppi ta' viżitaturi ***fit-tliet postijiet tax-xogħol kollha tal-Parlament***, jirrappreżentaw għodda importanti għall-Membri biex joħolqu rabta mal-kostitwenti u biex juru l-ħidma parlamentari tagħhom lill-kostitwenti; jenfasizza li l-gruppi ta' viżitaturi jikkontribwixxu għall-promozzjoni tar-rwol tal-Parlament lill-votanti fl-Unjoni kollha;

**Emenda 14**  
**Eric Minardi, Joachim Kuhs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 7**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

7. Jinnota bi tħassib id-diffikultajiet li qed jiżdiedu biex jiġu organizzati tali żjarat minħabba l-limitazzjonijiet finanzjarji tal-baġit eżistenti, b'mod partikolari għall-Membri minn Stati Membri li ġeografikament jinsabu 'l bogħod minn Brussell u Strażburg; jirrikonoxxi li xi wħud minn dawn id-diffikultajiet jistgħu ***jittaffew*** permezz ta' bidliet fir-regoli li jirregolaw tali żjarat, ***iżda fl-aħħar mill-aħħar jemmen li huwa meħtieġ baġit akbar biex jiġu solvuti l-kwistjonijiet sottostanti***;

*Emenda*

7. Jinnota bi tħassib id-diffikultajiet li qed jiżdiedu biex jiġu organizzati tali żjarat minħabba l-limitazzjonijiet finanzjarji tal-baġit eżistenti, b'mod partikolari għall-Membri minn Stati Membri li ġeografikament jinsabu 'l bogħod minn Brussell u Strażburg; jirrikonoxxi li xi wħud minn dawn id-diffikultajiet jistgħu ***jiġu ffaċilitati*** permezz ta' bidliet fir-regoli li jirregolaw tali żjarat;

## Emenda 15

Nils Ušakovs, Eider Gardiazabal Rubial

### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

#### Paragrafu 7

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

7. Jinnota bi tħassib id-diffikultajiet li qed jiżdiedu biex jiġu organizzati tali żjarat minħabba l-limitazzjonijiet finanzjarji tal-baġit eżistenti, b'mod partikolari għall-Membri minn Stati Membri li ġeografikament jinsabu 'l bogħod minn Brussell u Strażburgu; ***jirrikonoxxi li xi wħud minn dawn id-diffikultajiet jistgħu jittaffew permezz ta' bidliet fir-regoli li jirregolaw tali żjarat, iżda fl-aħħar mill-aħħar jemmen li huwa meħtieġ baġit akbar biex jiġu solvuti l-kwistjonijiet sottostanti;***

##### *Emenda*

7. Jinnota bi tħassib id-diffikultajiet li qed jiżdiedu biex jiġu organizzati tali żjarat minħabba l-limitazzjonijiet finanzjarji tal-baġit eżistenti, b'mod partikolari għall-Membri minn Stati Membri li ġeografikament jinsabu 'l bogħod minn Brussell u Strażburgu; ***jistieden lill-Bureau jirrieżamina u jaġġorna r-regoli eżistenti tiegħu li jirregolaw iż-żjarat biex jingħelbu d-diffikultajiet fl-ippjanar u fl-organizzazzjoni taż-żjarat; jitlob finanzjament suffiċjenti biex jiġu koperti l-ispejjeż relatati mal-ivvjaġġar u mal-akkomodazzjoni, filwaqt li jitqiesu r-rati tal-inflazzjoni u l-prezzijiet, kemm fil-pajjiżi ta' orijini tal-gruppi ta' viżitaturi kif ukoll fi Brussell u Strażburgu;***

## Emenda 16

Anna-Michelle Asimakopoulou

### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

#### Paragrafu 8

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

8. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali jipproponi lill-Kwesturi malajr kemm jista' jkun żieda fil-limiti massimi ***għall-ispejjeż*** koperti biex jitkompla u jissaħħaħ l-appoġġ tal-Membri biex il-gruppi ta' viżitaturi jkunu jistgħu jżuru l-Parlament;

##### *Emenda*

8. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali jipproponi lill-Kwesturi malajr kemm jista' jkun żieda fil-limiti massimi ***għall-kostijiet*** koperti biex jitkompla u jissaħħaħ l-appoġġ tal-Membri biex il-gruppi ta' viżitaturi jkunu jistgħu jżuru l-Parlament; ***jemmen li żieda ta' 10 % fl-allokazzjoni għal kull persuna hija meħtieġa biex jiġu indirizzati***

**Emenda 17**

**Francisco Guerreiro**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 8**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

8. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali jipproponi lill-Kwesturi malajr kemm jista' jkun żieda fil-limiti massimi **għall-ispejjeż** koperti biex jitkompla u jissaħħaħ l-appoġġ tal-Membri biex il-gruppi ta' viżitaturi jkunu jistgħu jżuru l-Parlament;

*Emenda*

8. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali jipproponi lill-Kwesturi malajr kemm jista' jkun żieda fil-limiti massimi **għall-kostijiet** koperti biex jitkompla u jissaħħaħ l-appoġġ tal-Membri biex il-gruppi ta' viżitaturi jkunu jistgħu jżuru l-Parlament **filwaqt li fl-istess ħin jinġhata trattament preferenzjali għal modi tat-trasport sostenibbli;**

**Emenda 18**

**Anna-Michelle Asimakopoulou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 8a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

**8a. Jinnota bi tħassib ir-regoli interni li jirregolaw il-Gruppi ta' Viżitaturi tal-Membri tal-PE, li jwasslu biex 30 % tal-kostijiet bil-quddiem ikollhom jiġġarrbu mill-assistenti parlamentari akkreditati f'xi ċirkostanzi; jišhaq fuq l-imprattikabbiltà ta' dawn ir-regoli u l-piż finanzjarju li dan ipoġġi fuq l-assistenti parlamentari akkreditati; jistieden lill-Bureau jirrieżamina dawn ir-regoli;**

## Emenda 19

Valentino Grant, Joachim Kuhs, Eric Minardi

### Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 9

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

9. ***Ifakkar fid-deċiżjoni*** tal-Bureau tal-25 ta' Novembru 2019 li jiġu stabbiliti ċentri tal-Europa Experience fl-Istati Membri kollha sa tmiem l-2024; ***jiddispjaċih dwar id-dewmien fl-istabiliment ta' Europa Experiences fl-Istati Membri kollha qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament tal-2024 u jinnota li bħalissa 12 biss qed joperaw;***

#### *Emenda*

9. ***Jiddispjaċih dwar id-deċiżjoni*** tal-Bureau tal-25 ta' Novembru 2019 li jiġu stabbiliti ċentri tal-Europa Experience fl-Istati Membri kollha sa tmiem l-2024, ***peress li tqajjem dubji dwar il-valur miżjud reali taċ-ċentri Europa Experience; jiddispjaċih li EUR 21,2 miljun oħra se jiġu investiti f'dan il-proġett għali u purament ideoloġiku fl-2025;***

Or. en

## Emenda 20

Anna-Michelle Asimakopoulou

### Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 9

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

9. Ifakkar fid-deċiżjoni tal-Bureau tal-25 ta' Novembru 2019 li jiġu stabbiliti ċentri tal-Europa Experience fl-Istati Membri kollha sa tmiem l-2024; jiddispjaċih dwar id-dewmien fl-istabiliment ta' Europa Experiences fl-Istati Membri kollha qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament tal-2024 u jinnota li bħalissa 12 biss qed joperaw;

#### *Emenda*

9. Ifakkar fid-deċiżjoni tal-Bureau tal-25 ta' Novembru 2019 li jiġu stabbiliti ċentri tal-Europa Experience fl-Istati Membri kollha sa tmiem l-2024; jiddispjaċih dwar id-dewmien fl-istabiliment ta' Europa Experiences fl-Istati Membri kollha qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament tal-2024 u jinnota li bħalissa 12 biss qed joperaw; ***jirrikonoxxi li għadd ta' fatturi esterni, inkluża l-volatilità tas-swieq tal-proprjetà immobbli, ikkontribwew għal dan id-dewmien;***

Or. en

**Emenda 21**  
**Eric Minardi**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 10**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

**“10. Jieħu nota** li huwa ppjanat li ħames ċentri **jinfetħu** fl-2025 (f' Ateni, Zagreb, The Hague, **Sofia** u Budapest); **jappella għall-istabiliment ta' Europa** Experiences fl-Istati Membri kollha mill-aktar fis possibbli; ifakkar li l-Europa Experiences għandhom jippermettu liċ-ċittadini kollha **jifhmu** aħjar **il-funzjonament** tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni;

*Emenda*

**10. Jinnota** li huwa ppjanat li **jinfetħu** ħames ċentri fl-2025 (f' Ateni, Zagreb, The Hague, **Sofija** u Budapest) **li huwa eċċessiv minħabba r-restrizzjonijiet baġitarji li qed jiffaċċja l-baġit tal-UE; jistieden lill-Bureau jwaqqaf l-iżvilupp tal-Europa** Experiences fl-Istati Membri kollha mill-aktar fis possibbli; ifakkar li l-Europa Experiences għandhom jippermettu liċ-ċittadini kollha **jkollhom fehim** aħjar **tal-funzjonament** tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, **iżda jfakkar fuq kollox li ma jissodisfawx domanda u għalhekk ma għandhom l-ebda valur miżjud ippruvat, u għaldaqstant il-ħtieġa li jintemmu;**

Or. en

**Emenda 22**  
**Nils Ušakovs, Eider Gardiazabal Rubial**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 10a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

**10a. Ifakkar li l-Parlament tal-UE jappoġġja bil-qawwa l-multilingwiżmu u jippromwovi d-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali, reġjonali u lingwistiċi; iqis li l-Parlament tal-UE jista' jikkontribwixxi b'mod attiv għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni billi jipprovdi informazzjoni wkoll fil-lingwi tal-minoranzi u tal-komunitajiet lingwistiċi, meta xieraq; jirrikjedi li l-Bureau jwessa' l-firxa tal-produzzjoni u tad-disseminazzjoni tal-Parlament ta' materjali ta' komunikazzjoni pereżempju għaċ-Ċentri tal-Europa Experiences fil-**

*Emenda*

*lingwi tal-minoranzi u tal-komunitajiet lingwistiċi fl-Istati Membri differenti, anke bħala mod kif jissaħħu r-rabtiet bejn il-komunitajiet lingwistiċi fl-UE u jiġi miġġieled kwalunkwe tentattiv li wieħed jiddependi fuq differenzi lingwistiċi biex tiġi mfixkla l-koeżjoni;*

Or. en

### **Emenda 23**

**Nils Ušakovs, Eider Gardiazabal Rubial**

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 11**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

11. Jinnota li l-Kumitat għall-Baġits approva d-deċiżjoni tal-Bureau li jwettaq rinnovazzjoni ***ambjentali*** profonda tal-bini SPAAK, f'konformità mar-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023<sup>13</sup>; ***jinnota li EUR 9.5 miljun huma inklużi fl-estimi tal-2025 għall-istudji; ifakkar lill-Bureau li huma meħtieġa informazzjoni u konsultazzjoni xierqa mal-Kumitat għall-Baġits qabel ma tiġi adottata kwalunkwe deċiżjoni ewlenija dwar kwistjonijiet relatati mal-bini u l-finanzjament tiegħu minħabba l-implikazzjonijiet baġitarji importanti tagħhom;***

##### *Emenda*

11. Jinnota li l-Kumitat għall-Baġits approva d-deċiżjoni tal-Bureau li jwettaq rinnovazzjoni profonda tal-bini SPAAK, f'konformità mar-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023<sup>13</sup>;

Or. en

### **Emenda 24**

**Joachim Kuhs, Eric Minardi, Valentino Grant**

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 11**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

##### *Emenda*

11. *Jinnota li l-Kumitat għall-Baġits approva d-deċiżjoni tal-Bureau li jwettaq rinnovazzjoni ambjentali profonda tal-bini SPAAK, f'konformità mar-risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023<sup>13</sup>; jinnota li EUR 9.5 miljun huma inklużi fl-estimi għall-istudji tal-2025; ifakkar lill-Bureau li huma meħtieġa informazzjoni u konsultazzjoni xierqa mal-Kumitat għall-Baġits qabel ma tiġi adottata kwalunkwe deċiżjoni ewlenija dwar kwistjonijiet relatati mal-bini u l-finanzjament tiegħu minħabba l-implikazzjonijiet baġitarji importanti tagħhom;*

11. *Jinsisti li kwalunkwe rinnovazzjoni tal-unitajiet tal-bini tal-PE, inkluż il-bini SPAAK, għandha ssegwi l-aktar approċċ ekonomiku; ifakkar lill-Bureau li huma meħtieġa informazzjoni u konsultazzjoni xierqa mal-Kumitat għall-Baġits qabel ma tiġi adottata kwalunkwe deċiżjoni ewlenija dwar kwistjonijiet relatati mal-bini u l-finanzjament tiegħu minħabba l-implikazzjonijiet baġitarji importanti tagħhom;*

Or. en

## Emenda 25

Anna-Michelle Asimakopoulou

### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

#### Paragrafu 11

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

11. *Jinnota li l-Kumitat għall-Baġits approva d-deċiżjoni tal-Bureau li jwettaq rinnovazzjoni ambjentali profonda tal-bini SPAAK, f'konformità mar-risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023<sup>13</sup>; jieħu nota li EUR 9.5 miljun huma inklużi fl-estimi għall-istudji tal-2025; ifakkar lill-Bureau li huma meħtieġa informazzjoni u konsultazzjoni xierqa mal-Kumitat għall-Baġits qabel ma tiġi adottata kwalunkwe deċiżjoni ewlenija dwar kwistjonijiet relatati mal-bini u l-finanzjament tiegħu minħabba l-implikazzjonijiet baġitarji importanti tagħhom;*

##### *Emenda*

11. *Jieħu nota li l-Kumitat għall-Baġits approva d-deċiżjoni tal-Bureau li jwettaq rinnovazzjoni ambjentali profonda tal-bini SPAAK, f'konformità mar-risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023<sup>13</sup>; jinnota li EUR 9,5 miljun huma inklużi fl-estimi għall-istudji tal-2025; jisħaq li l-bini attwali għandu klassifikazzjoni baxxa ħafna tal-effiċjenza enerġetika u huwa nieqes mill-flessibbiltà tant meħtieġa biex ikun adattat għall-iskop tiegħu; jenfasizza li l-Parlament Ewropew għandu jkun minn ta' quddiem bil-portafoll immobiljari tiegħu stess f'termini ta' effiċjenza enerġetika u sostenibbiltà biex jissalvagwardja l-appoġġ taċ-ċittadini għall-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku; jinnota*

*li r-rinnovazzjoni se twassal għal  
iffrankar sinifikanti fil-kostijiet ta' diversi  
miljuni ta' EUR fis-sena u barra minn  
hekk se tgħin biex ikun hemm konformità  
mar-rekwiżiti tad-Direttiva Ewropea  
futura dwar l-Effiċjenza Enerġetika u d-  
Direttiva dwar il-Prestazzjoni tal-Bini;*  
ifakkar lill-Bureau li huma meħtieġa  
informazzjoni u konsultazzjoni xierqa mal-  
Kumitat għall-Baġits qabel ma tiġi adottata  
kwalunkwe deċiżjoni ewlenija dwar  
kwistjonijiet relatati mal-bini u l-  
finanzjament tiegħu minħabba l-  
implikazzjonijiet baġitarji importanti  
tagħhom;

Or. en

**Emenda 26**  
**Monika Hohlmeier**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 11**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

11. **Jieħu nota** li l-Kumitat għall-Baġits approva d-deċiżjoni tal-Bureau li jwettaq rinnovazzjoni ambjentali profonda tal-bini SPAAK, f'konformità mar-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023<sup>13</sup>; **jieħu nota** li EUR 9.5 miljun huma inklużi fl-estimi **għall-istudji** tal-2025; ifakkar lill-Bureau li huma meħtieġa informazzjoni u konsultazzjoni xierqa mal-Kumitat għall-Baġits qabel ma tiġi adottata kwalunkwe deċiżjoni ewlenija dwar kwistjonijiet relatati mal-bini u l-finanzjament tiegħu minħabba l-implikazzjonijiet baġitarji importanti tagħhom;

*Emenda*

11. **Jinnota** li l-Kumitat għall-Baġits approva d-deċiżjoni tal-Bureau li jwettaq rinnovazzjoni ambjentali profonda tal-bini SPAAK, f'konformità mar-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023[1]; **jenfasizza li r-rinnovazzjoni li ilha dovuta se twassal għal iffrankar u tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> tal-portafoll immobiljari tal-Parlament fi Brussell li huwa l-inqas wieħed effiċjenti fl-iffrankar tal-enerġija u tiżgura l-konformità tal-bini mal-leġiżlazzjoni futura tal-UE**; **jinnota** li EUR 9,5 miljun huma inklużi fl-estimi tal-2025 **għall-istudji**; ifakkar lill-Bureau li huma meħtieġa informazzjoni u konsultazzjoni xierqa mal-Kumitat għall-Baġits qabel ma tiġi adottata kwalunkwe deċiżjoni ewlenija dwar kwistjonijiet relatati mal-bini u l-finanzjament tiegħu



minħabba l-implikazzjonijiet baġitarji importanti tagħhom;

Or. en

**Emenda 27**  
**Fabienne Keller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 11**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

11. **Jieħu nota** li l-Kumitat għall-Baġits approva d-deċiżjoni tal-Bureau li jwettaq rinnovazzjoni ambjentali profonda tal-bini SPAAK, f'konformità mar-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023<sup>13</sup>; **jieħu nota** li EUR 9.5 miljun huma inklużi fl-estimi **għall-istudji** tal-2025; ifakkar lill-Bureau li huma meħtieġa informazzjoni u konsultazzjoni xierqa mal-Kumitat għall-Baġits qabel ma tiġi adottata kwalunkwe deċiżjoni ewlenija dwar kwistjonijiet relatati mal-bini u l-finanzjament tiegħu minħabba l-implikazzjonijiet baġitarji importanti tagħhom;

*Emenda*

11. **Jinnota** li l-Kumitat għall-Baġits approva d-deċiżjoni tal-Bureau li jwettaq rinnovazzjoni ambjentali profonda tal-bini SPAAK, f'konformità mar-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023<sup>13</sup>; **jinnota** li EUR 9,5 miljun huma inklużi fl-estimi tal-2025 **għall-istudji**; ifakkar lill-Bureau li huma meħtieġa informazzjoni u konsultazzjoni xierqa mal-Kumitat għall-Baġits qabel ma tiġi adottata kwalunkwe deċiżjoni ewlenija dwar kwistjonijiet relatati mal-bini u l-finanzjament tiegħu minħabba l-implikazzjonijiet baġitarji importanti tagħhom; **jinnota li l-prattika kurrenti ta' "trasferiment ta' tlaqqit" ta' tmiem is-sena bħala kontribuzzjoni għall-proġetti tal-bini; jinnota li tali trasferiment ta' tlaqqit iseħħ sistematikament fuq l-istess kapitoli, titoli u spiss preċiż fuq l-istess linji baġitarji; iqis li tali Prattika tirriskja li tiġi pperċepita bħala bbaġitjar żejjed programmat; jitlob li titnieda riflessjoni dwar il-finanzjament ta' investimenti ewlenin ibbażati fuq it-trasparenza;**

Or. en

**Emenda 28**  
**Nils Ušakovs, Eider Gardiazabal Rubial**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 11a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**11a. Ifakkar lill-Bureau li t-trasparenza, l-informazzjoni xierqa u l-konsultazzjoni mal-Kumitat għall-Baġits inkluż l-aċċess għal dettalji komprensivi dwar il-kundizzjoni tal-bini, il-metodoloġija ta' valutazzjoni użata u l-individwi responsabbli għall-implimentazzjoni tagħhom u l-kostijiet għal xogħlijiet strettament meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti regolatorji, qabel ma tiġi adottata kwalunkwe deċiżjoni ewlenija dwar kwistjonijiet relatati mal-bini u l-finanzjament tiegħu huma meħtieġa minħabba l-implikazzjonijiet baġitarji importanti tagħhom;**

Or. en

**Emenda 29  
Joachim Kuhs, Eric Minardi**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 12**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**12. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li jinbdew xogħlijiet ta' rinnovazzjoni fl-2025 tal-bini TREVES II sabiex tiġi ffaċilitata l-akkomodazzjoni temporanja tal-persunal li se jiġi spostat bħala parti mir-rinnovazzjonijiet tal-bini SPAAK;**

**12. Jirrakkomanda, f'każ li r-rinnovazzjoni tal-bini SPAAK isseħħ, li jitqiesu arranġamenti ta' telexogħol full-time għall-persunal li jinsab fil-bini SPAAK bħala soluzzjoni temporanja u ekonomika;**

Or. en

**Emenda 30  
Valentino Grant, Joachim Kuhs, Eric Minardi**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 12a (ġdid)**

**12a.** *Ma jaqbilx mal-prattika kurrenti tat-“trasferiment ta’ tlaqqit” ta’ tmiem is-sena bħala kontribuzzjoni għall-proġetti tal-bini; jissottolinja li tali “trasferiment ta’ tlaqqit” iseħħ sistematikament fuq l-istess kapitoli, titoli u, spiss, preċiż fuq l-istess linji baġitarji; iqis li din il-prattika teżisti f’kuntest ta’ tensjoni mat-trasparenza tal-proġetti tal-bini fil-baġit tal-Parlament u toħloq incenċiv għal ibbaġitjar żejjed f’ċerti oqsma;*

Or. en

**Emenda 31**

**Valentino Grant, Joachim Kuhs, Eric Minardi**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 12b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**12b.** *Jitlob riflessjoni aktar profonda dwar il-finanzjament ta’ kull investiment li jikkonċerna proġetti ta’ bini fil-baġit tal-Parlament sabiex jiġu ffrankati kemm jista’ jkun riżorsi;*

Or. en

**Emenda 32**

**Valentino Grant, Joachim Kuhs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 12c (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**12c.** *Ifakkar fl-appoġġ espress mill-maġġoranza vasta tal-Parlament għal sede unika li tiżgura l-infiq effiċjenti ta’ flus il-kontribwenti tal-Unjoni; ifakkar fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-2013 li stmat li l-kostijiet tad-dispersjoni*

*ġeografika jvarjaw minn EUR 156 miljun għal EUR 204 miljun fis-sena; jiddeplora l-fatt li f'leġiżlatura palamentari waħda l-kostijiet iġġenerati mid-dispersjoni ġeografika tal-Parlament jistgħu jammontaw sa EUR 1 biljun u jitlob, għalhekk, li jittieħdu malajr passi prattiċi biex tiġi stabbilita sede unika għall-Parlament, sabiex tiġi evitata aktar ħela ta' flus pubbliċi;*

Or. en

### **Emenda 33**

**Fabienne Keller, Olivier Chastel**

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 13**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

13. *Jieħu nota tal-ħtieġa* li jittejjeb l-aċċess għall-persuni b'diżabbiltà għall-Kamra Plenarja fi Strażburgu;

##### *Emenda*

13. *Jilqa' l-politika tal-Parlament li għandha l-għan li tiżgura l-użu kompletament indipendenti tal-bini tal-Parlament minn persuni b'diżabbiltà u jappoġġja aktar miżuri u adattamenti li se jkun meħtieġa f'dan ir-rigward; jirrikonoxxi l-ħtieġa* li jittejjeb l-aċċess għall-persuni b'diżabbiltà għall-Kamra Plenarja fi Strażburgu;

Or. en

### **Emenda 34**

**Eric Minardi, Joachim Kuhs**

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 13a (ġdid)**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

13a. *Ifakkar fl-appoġġ mill-maġġoranza vasta tal-Parlament għal sede unika li tiżgura l-infiq effiċjenti ta' flus il-kontribwenti tal-Unjoni; ifakkar fil-ħtieġa li jinstabu soluzzjonijiet biex*

##### *Emenda*

13a. *Ifakkar fl-appoġġ mill-maġġoranza vasta tal-Parlament għal sede unika li tiżgura l-infiq effiċjenti ta' flus il-kontribwenti tal-Unjoni; ifakkar fil-ħtieġa li jinstabu soluzzjonijiet biex*

*jiġu ottimizzati l-ħidma istituzzjonali parlamentari u l-kostijiet finanzjarji; jissottolinja li Strażburgu huwa s-sede uffiċjali u legali tal-Parlament Ewropew;*

Or. en

### Emenda 35

Nils Ušakovs, Eider Gardiazabal Rubial

#### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

#### Paragrafu 14

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

14. Ifakkar li l-amministrazzjoni tal-Parlament bħalissa qed taħdem fuq approċċ komprensiv biex tiddefinixxi l-politika tal-bini fuq perjodu ta' żmien twil tal-Parlament filwaqt li tqis b'mod partikolari l-obbligi ambjentali, l-effiċjenza enerġetika ***u l-ġestjoni*** tal-iskart f'konformità mal-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %";

##### *Emenda*

14. Ifakkar li l-amministrazzjoni tal-Parlament bħalissa qed taħdem fuq approċċ komprensiv biex tiddefinixxi l-politika tal-bini fuq perjodu ta' żmien twil tal-Parlament filwaqt li tqis b'mod partikolari l-obbligi ambjentali, ***il-kostijiet, ir-restrizzjonijiet baġitarji***, l-effiċjenza enerġetika, ***u l-immaniġġjar*** tal-iskart f'konformità mal-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %"; ***jappella għal kunsiderazzjoni serja tal-kost tal-politika tal-bini, b'mod partikolari billi jitqiesu modi flessibbli ta' ħidma li rriżultaw bħala konsegwenza tal-pandemija, li wasslu pereżempju biex il-Kummissjoni Ewropea tippjana tnaqqis sostanzjali ta' metri kwadri ddedikati għall-uffiċċji sal-2030, filwaqt li jirrikonoxxi li l-preżenza fiżika għal negozjati politiċi, dibattiti jew skambju ta' fehmiet tibqa' aktar effiċjenti għat-tfassil tal-politika pubblika; iqis li l-eżerċizzju annwali tat-"trasferiment ta' tlaqqit" jista' jservi wkoll skopijiet oħra minbarra l-finanzjament ta' proġetti relatati mal-bini;***

Or. en

### Emenda 36

Eric Minardi

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 14a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**14a.** *Jitlob li r-rinnovazzjonijiet tal-bini jitwettqu biss meta jkunu meħtieġa, sabiex ma jiżdiedx il-piż fuq il-baġit tal-Unjoni;*

Or. en

**Emenda 37**  
**Fabienne Keller, Olivier Chastel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 15**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

15. Jilqa' l-isforzi u l-miżuri kontinwi stabbiliti mill-Parlament sabiex titnaqqas l-impronta ambjentali tiegħu;

15. Jilqa' l-isforzi u l-miżuri kontinwi stabbiliti mill-Parlament sabiex titnaqqas l-impronta ambjentali tiegħu; ***jistenna li l-Parlament jikseb il-miri tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni kollha tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali (EMAS) sa tmiem l-2024 u jipproċedi għall-adozzjoni ta' miri ambizzjużi ġodda għas-snin li ġejjin;***

Or. en

**Emenda 38**  
**Francisco Guerreiro**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 15**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

15. Jilqa' l-isforzi u l-miżuri kontinwi stabbiliti mill-Parlament sabiex titnaqqas l-impronta ambjentali tiegħu;

15. Jilqa' l-isforzi u l-miżuri kontinwi stabbiliti mill-Parlament sabiex titnaqqas l-impronta ambjentali tiegħu; ***itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-miri tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali (EMAS) tal-Parlament għall-2024 u jilqa' l-ħidma preparatorja għall-miri għall-2025-2029 u***

*jistenna li jara miri ambizzjużi għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss;*

Or. en

**Emenda 39**  
**Anna-Michelle Asimakopoulou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 15**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

15. Jilqa' l-isforzi u l-miżuri kontinwi stabbiliti mill-Parlament sabiex titnaqqas l-impronta ambjentali tiegħu;

*Emenda*

15. Jilqa' l-isforzi u l-miżuri kontinwi stabbiliti mill-Parlament sabiex titnaqqas l-impronta ambjentali tiegħu; *jinnota b'mod partikolari għadd ta' kisbiet f'dan ir-rigward, inkluż tnaqqis ta' 44 % fl-emissjonijiet tal-karbonju mill-2006 'l hawn, tnaqqis ta' 66 % fl-użu tal-karti meta mqabbel mal-2014, ir-rati għoljin ta' membri tal-persunal li jmorru x-xogħol bil-mixi jew bir-rotta, tnaqqis sinifikanti fl-użu tal-plastik, u l-introduzzjoni b'suċċess tal-infrastruttura tal-enerġija rinnovabbli, li rat 458 MWh ta' enerġija solari ġġenerata mill-Parlament fl-2023;*

Or. en

**Emenda 40**  
**Francisco Guerreiro**  
f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 15a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*15a. Jieħu nota taż-żiediet fil-prezzijiet tal-kreditu tal-karbonju; jistieden lill-Parlament jagħmel l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u l-produzzjoni fuq il-post prijorità aktar milli jikkumpensa livell baxx ta' ambizzjoni bix-xiri ta' krediti tal-karbonju; jindika li tali*

*investimenti fl-effiċjenza enerġetika huma metodu aħjar biex jinkiseb valur għall-flus; iħeġġeġ lis-servizzi jiżviluppaw l-ipprezzar tal-karbonju bħala għodda informattiva (ipprezzar parallel) aktar milli prezz tal-karbonju fiss li jżid mal-kostijiet eżistenti tal-prezzijiet ta' kumpens għall-emissjonijiet ta' karbonju li diġà huma pprojetta li jogħlew fil-futur qrib fid-dawl taż-żieda qawwija reċenti fil-prezzijiet tal-kreditu tal-karbonju biex tiġi ffaċilitata n-newtralità karbonika;*

Or. en

**Emenda 41**

**Younous Omarjee**

f' isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 15a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**15a. Jilqa' u jinkoraġġixxi l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli u għat-tneħħija gradwali tal-fjuwils fossili;**

Or. en

**Emenda 42**

**Francisco Guerreiro**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 15b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**15b. Jilqa' u jħeġġeġ l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli u għat-tneħħija gradwali tal-fjuwils fossili u b'mod partikolari l-installazzjoni ta' pompi tas-sħana minħabba l-kriżi tal-enerġija u l-kuntest ġeopolitiku; ifakkar li hemm 52 bojler tal-gass fil-bini tal-Parlament fi**



*Brussell biss; itenni t-talba tiegħu għal pjan direzzjonali għat-tneħħija gradwali tal-fjuwils fossili bi stadji importanti speċifiċi li għandhom jiġu inklużi fl-istrateġija pluriennali tal-bini li jmiss biex jiġu evitati assi mhux rekuperabbli u għal analiżi tal-effettività u l-effiċjenza tal-użu ta' sistemi ta' pompi tas-sħana u teknoloġiji rilevanti oħra; jinnota li l-Parlament installa u qed ikompli jinstalla pannelli solari fotovoltajċi (PV) biex ikompli jżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbli prodotta fuq il-post biex tintlaħaq il-mira ta' 25 %. jistieden lill-Parlament jieħu l-passi kollha meħtieġa biex inaqqas il-konsum tal-enerġija fuq perjodu ta' żmien medju u twil; jitlob lis-Segretarju Ġenerali jimplimenta l-istudji u l-awditi aġġornati dwar il-fattibbiltà teknika li jiġu installati pannelli fotovoltajċi fuq il-bjut tal-binjiet ta' Strażburgu, biex titqies l-evoluzzjoni tat-teknoloġiji u tal-prezzijiet tas-suq minn meta saru l-istudji oriġinali 10 snin ilu u l-valur miżjud tagħhom meta mqabbla ma' tipi oħra ta' investiment fl-iffrankar tal-enerġija; jemmen li l-aspett baġitarju ta' deċiżjonijiet possibbli f'dak il-qasam irid ikun ibbilanċjat bejn l-aħjar valur miżjud u l-ammont raġonevoli ta' investiment f'kuntest baġitarju ristrett;*

Or. en

### **Emenda 43**

**Francisco Guerreiro**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

#### **Paragrafu 15c (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*15c. Ifakkar li kważi żewġ terzi tal-impronta tal-karbonju tal-Parlament joriġinaw mit-trasport tal-persuni; jappella għall-promozzjoni ta' bidla lejn alternattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet*

*tal-karbonju għall-ivvjaġġar u stieden lill-Bureau jeżamina l-politika tal-ivvjaġġar tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment f'dan ir-rigward; jilqa' l-isforzi tal-Parlament biex inaqqas l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> permezz ta' ferroviji mikrija u jitlob li jiżdiedu d-disponibbiltajiet biex l-ivvjaġġar bejn it-tliet postijiet tax-xogħol jixxaqleb lejn l-użu tal-ferrovija;*

Or. en

#### **Emenda 44**

**Anna-Michelle Asimakopoulou, Andrzej Halicki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 16a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**16a. Ifakkar fit-taqbida kontinwa li fiha l-Unjoni Ewropea hija involuta biex tissalvagwardja l-valuri Ewropej u tiddefendi l-integrità tal-proċessi demokratiċi tagħna; jilqa' l-azzjonijiet meħuda mill-Parlament fl-ilħuq ta' dawn l-oġġettivi, filwaqt li jiġġieled kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni; jistieden lid-DĠ COMM u lill-EPLOs ikomplu jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji effettivi biex jiġġieldu kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni; jenfasizza li waħda mill-aktar armi qawwija kontra d-diżinformazzjoni hija komunikazzjoni pożittiva, ibbażata fuq il-fatti rigward l-attivitajiet tal-Parlament;**

Or. en

#### **Emenda 45**

**Monika Hohlmeier**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 16a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**16a.** *Jappoġġja t-tħabbira li saret mis-Segretarju Ġenerali fil-Kumitat BUDG biex jitnaqqsu l-piż amministrattiv u l-burokrazija għall-uffiċċji tagħhom u tal-Membri filwaqt li tiġi aċċellerata d-diġitalizzazzjoni tal-proċessi fi ħdan l-amministrazzjoni; jisħaq li l-investimenti fid-diġitalizzazzjoni qed jiġġeneraw redditu fuq l-investment f'nofs it-terminu u ma għandhomx jiddewmu għall-iffrankar tal-kostijiet fuq terminu qasir u għall-mod li bih tiġi pperċepita l-kampanja;*

Or. en

**Emenda 46**

**Francisco Guerreiro**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 16a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**16a.** *Jiddispjaċih li l-appell mill-plenarja biex jiġi introdott perjodu ta' preklużjoni għall-eks Membri ugwali għaż-żmien li matulu jirċievu allowance tranżitorja u li matulu ma jistgħux jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' lobbying jew ta' rappreżentanza mal-Parlament ma ġietx aċċettata u jitlob li dan jiġi rettifikat b'mod urġenti;*

Or. en

**Emenda 47**

**Anna-Michelle Asimakopoulou, Andrzej Halicki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 16b (ġdid)**

**16b.** *Ifakkar fl-isforzi kbar li saru mill-EPLOs fil-pajjiżi Baltiċi biex jipprovdu informazzjoni liċ-ċittadini Ukreni u Russi sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni Russa fl-Ukrajna, b'enfasi partikolari fuq il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-propaganda Russa; jissottolinja l-importanza tal-parteċipazzjoni attiva tal-EPLO fl-implimentazzjoni tal-ħidma tal-Parlament dwar l-edukazzjoni ċivika permezz ta' programmi multipli li jinvolvu l-komunitajiet lokali, l-iskejjel u l-universitajiet; jinnota li l-Parlament ifassal il-komunikazzjoni tiegħu b'mod li jissodisfa bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tal-udjenza fil-mira tiegħu;*

Or. en

**Emenda 48**

**Francisco Guerreiro**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 16b (ġdid)**

**16b.** *Jemmen li ma għandha titħallas l-ebda Allowance għan-Nefqa Ġenerali lill-eks Membri; jitlob għalhekk it-tħassir tal-Artikolu 42, is-subparagrafu 4, tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri bħala kwistjoni ta' urġenza;*

Or. en

**Emenda 49**

**Anna-Michelle Asimakopoulou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 16c (ġdid)**

16c. *Jenfasizza li l-iżgurar ta' bilanċ ġeografiku ġust huwa parti importanti mill-ħolqien ta' servizz pubbliku li jkun tassew Ewropew; jirrimarka li matul is-snin, il-Parlament ħa għadd ta' miżuri f'dak ir-rigward; jinnota li għad baqa' lok għal titjib; jinnota li l-Bureau ħoloq il-qafas legali għall-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet speċifiċi għan-nazzjonalità u ddeċieda li jorganizza l-ewwel waħda minn tali kompetizzjonijiet; jenfasizza li l-kompetizzjonijiet għandhom dejjem ikunu bbażati fuq il-mertu;*

Or. en

#### Emenda 50

Nils Ušakovs, Eider Gardiazabal Rubial

#### Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 17

17. Itenni t-talba tiegħu lill-Konferenza tal-Presidenti u lill-Bureau biex jirrevedu ***d-dispożizzjonijiet*** ta' implimentazzjoni li jirregolaw il-ħidma tad-delegazzjonijiet u tal-missjonijiet barra mill-Unjoni; jissottolinja li tali reviżjoni għandha tqis il-possibbiltà li l-assistenti akkreditati, ***skont*** ċerti kundizzjonijiet, jakkumpanjaw lill-Membri f'delegazzjonijiet u f'missjonijiet uffiċjali tal-Parlament;

17. Itenni t-talba tiegħu lill-Konferenza tal-Presidenti u lill-Bureau biex jirrevedu ***minnufih id-dispożizzjonijiet*** ta' implimentazzjoni li jirregolaw il-ħidma tad-delegazzjonijiet u tal-missjonijiet barra mill-Unjoni; jissottolinja li tali reviżjoni għandha tqis il-possibbiltà li l-assistenti ***parlamentari*** akkreditati, ***soġġetti għal*** ċerti kundizzjonijiet, jakkumpanjaw lill-Membri f'delegazzjonijiet u f'missjonijiet uffiċjali tal-Parlament ***u tkun applikabbli b'mod effettiv sa mill-bidu tal-leġiżlatura li jmiss;***

Or. en

#### Emenda 51

Francisco Guerreiro

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 17a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**17a.** *Ifakkar fl-appoġġ tal-maġġoranza vasta tal-Membri għal sede unika biex jiġi żgurat li flus il-kontribwenti tal-Unjoni jintefqu b'mod effiċjenti u biex il-Parlament jassumi r-responsabbiltà istituzzjonali tiegħu li jnaqqas l-impronta tal-karbonju tiegħu; ifakkar fil-ħtieġa li jinstabu soluzzjonijiet sabiex jiġu ottimizzati l-ħidma istituzzjonali, il-kostijiet finanzjarji u l-impronta tal-karbonju parlamentari; jemmen li l-esperjenza miksuba u l-investimenti li saru fix-xogħol u fil-laqgħat remoti tista' sservi bħala bażi biex jiġu adattati l-ħtiġijiet għall-missjonijiet tal-persunal; ifakkar li, skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew għandu jkollu s-sede tiegħu fi Strażburgu; jinnota li bidliet permanenti jkunu jirrikjedu bidla fit-Trattat li għaliha hija meħtieġa l-unanimità;*

Or. en

**Emenda 52  
Nils Ušakovs, Eider Gardiazabal Rubial**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 17a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**17a.** *Itenni t-talba tiegħu, adottata fil-livell tal-Plenarja f'diversi okkażjonijiet, lill-Bureau biex jibda l-ħidma fuq ir-reviżjoni tar-Regoli ta' Proċedura li tippermetti lill-Membri jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw b'mod remot, waqt li jkunu qed jibbenefikaw mil-liv tal-maternità jew tal-paternità, waqt marda fit-tul jew f'każijiet ta' force majeure, filwaqt li jittieħed vantaġġ mit-tagħlimiet meħuda matul il-pandemija dwar l-aspetti*

*tekniċi ta' dan il-metodu ta' votazzjoni;*

Or. en

**Emenda 53**  
**Nils Ušakovs, Eider Gardiazabal Rubial**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 17b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***17b. Itenni t-talba tiegħu lill-Bureau biex jiggarantixxi li r-ristoranti kollha fil-Parlament jirrispettaw l-istandards tagħhom ta' kwalità, effiċjenza u affordabbiltà, u jintroduċi mill-ġdid il-kontroll tal-aċċess fl-entraturi tar-restaurant Self-service matul il-ħinijiet li l-aktar ikollhom nies; jilqa' l-implimentazzjoni tal-kontrolli tal-aċċess fid-daħla tas-self-service tal-bini WEISS fi Strażburgu matul is-sessjonijiet parzjali;***

Or. en

**Emenda 54**  
**Nils Ušakovs, Eider Gardiazabal Rubial**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 17c (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***17c. Jenfasizza f'dan ir-rigward li t-talbiet ivvotati mill-Plenarja għandhom jiġu implimentati bħala kwistjoni ta' prijorità għolja;***

Or. en